# Il-Ħuttafa

## Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf

Numru 58 Settembru - Ottubru 2003




# x'għandna?


| | |
|---|---|
| editorjal | 2 |
| aħbarijiet | 3 |
| mid-djarju tal-berdwoċer | 3 |
| x'għandna mid-dinja? | 4 |
| iz-ZIZKA | 5 |
| gallerija | 6 |
| KOMPETIZZJONI 58 | 7 |
| kreaturi mill-ħrejjef griegi | 7 |
| FALKO | 8 |
| sittsaqajn | 8 |
| X'hawn tan-nies! | 9 |
| pinġi | 10 |
| attività | 10 |
| inkredibbli | 10 |
| mur aqbad ktieb | 11 |
| ittri | 11 |





## Ħbieb Ħuttaf...



editorjal

Issa li t-temp qed jerġa' jaqleb tajjeb li nerġgħu nibdew nistokkjaw il-bird table bl-ikel għall-ħbieb tagħna l-għasafar li jżuru l-ġonna tagħna.

Tkun idea tal-ġenn kieku tagħmlu l-istess fl-iskola tagħkom, speċjalment jekk għandkom ġardina. Kieku kull skola jkollha bird table, ara kemm l-għasafar isibu iktar x'jieklu!

Issa li waslu l-pitirrossi, dawn żgur li jżuru r-"ristorant" li tkunu ppreparajtulhom! U barra **pitirrossi** jistgħu jinżlulkom ukoll il-**kudirross iswed**, il-**bufula sewda**, l-**għasafar tal-bejt** (ovvjament) u forsi anke xi **sturnell**.

Bilħaqq, attenti li ma tqegħdux il-bird table x'imkien fejn tista' taqbeż fuqha xi qattusa, għax flok ristorant tkunu għamiltu nassa!

Ċaw ħbieb!



**Victor Falzon**
Editur

Flok il-beġġ tal-Klabb li konna nibagħtu, minn dax-xahar membri ġodda u anke dawk li jġeddu l-miżata qed nibagħtulkom **TESSERA** (membership card) bil-kulur fejn tistgħu anke twaħħlu ritratt tagħkom u tiffirmaw il-wegħda tal-Klabb!

# MISSION IMPOSSIBLE



mal-faċċata



Il-**ħuttaf** u l-**ħawwief** huma għasafar li jħobbu joqogħdu fi gruppi speċjalment meta jkunu qegħdin ipassu. Minn Malta jgħaddu eluf kbar minnhom fir-rebbiegħa u fil-ħarifa. Temmnu li hawn kaċċaturi li jisparaw fuqhom biex jipprattikaw il-mira?!


**kumitat klabb ħuttaf**

Jason Aloisio, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon, Victor Falzon, Chris Schembri, Mariangela Schembri Meli, Justin Vassallo



indirizz BirdLife Malta, 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
tel 21347646 feks 21343239 imejl info@birdlifemalta.org
websajt www.birdlifemalta.org
imejl tal-magażin ilhuttafa@birdlifemalta.org



Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, l-isem BirdLife f'dal-magażin jirreferi għal BirdLife Malta. Materjal mill-magażin jista' jiġi kkupjat sakemm mhux għal skopijiet kummerċjali, sakemm jissemma' l-isem **Il-Ħuttafa** u sakemm tintbagħat lill-BirdLife kopja tal-materjal fejn ġie kkupjat.



Publikazzjoni: BirdLife Malta
Disinn u produzzjoni: Victor Falzon
Faċċata ta' quddiem: **ħuttaf** u **ħawwief tax-xtut** - ritratt ta' Ray Galea
Qoxra ta' wara: Għal 4ċ fil-ġimgħa!
Stampat: Poulton's Print Shop, Sep 2003


**Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-sittax. Norganizzaw ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, serati kraft u anke nagħmlu xogħol ambjentali. Noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* kull xahar għall-membri, u nagħmlu ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm2 fis-sena.**




# Bejjet għasfur ġdid!

Aħbar tajba! Għall-ewwel darba bejtet f'Malta l-**gamiema tal-kullar** (collared dove *S*treptopelia decaocto). *S*a ftit snin ilu dan l-għasfur kien rarissmu f'pajjiżna. Imma speċjalment dis-sena l-berdwoċers tal-BirdLife rawha kemm-il darba, u ssuspettaw li tipprova tbejjet. Fl-aħħar, seħibna berdwoċer Ray Galea ra bejta b'għajnejh. Hawn hi l-istorja tiegħu:

*17* Awwissu *2003*

"Il-bieraħ ċempilli xi ħadd u qalli li fil-ġnien tiegħu qed ibejtulu par tudun. Meta spjegali l-għajta tagħhom indunajt li kienu gamiem tal-kullar, u ddeċidejt li mmur s'għandu malajr malajr. Meta wasalna fil-post dalgħodu kmieni smajna l-għajta ta' dan l-għasfur ġejja mill-ġnien ta' din il-persuna, u wara ftit rajna tnejn minnhom jiġru wara xulxin... ftit wara jien ilmaħt bejta ġo siġra kbira taż-żnuber, li minnha rajt jittawlu żewġ frieħ ta' xi ġimagħtejn. *D*in hija l-ewwel darba li l-gamiema tal-kullar instabet tbejjet f'Malta!"

## mid-djarju tal-berdwoċer

Noti fuq x'għasafar ikunu dehru dan l-aħħar. Kitba ta' **Jason Aloisio**

sensiela ġdida

### lulju



gurlin

Lulju żgur li mhux l-aħjar żmien għall-berdwoċing. Fl-ewwel ħmistax tax-xahar dehret varjetà passabbli ta' għasafar tal-plajja. L-aktar frekwenti kienu s-**swejda** u l-**pespus tal-baħar**. Dehru wkoll xi ftit **pluverotti**, **ċewċew** u **beggazzini tar-rokka**. Par **fras-servjent** qatta' xi żmien jistrieħ fis-Salini, u minn fuq Is-Simar darba minnhom għadda **gurlin**. Fuq il-baħar qtajjiet ta' **ċief** (l-akbar qatgħa b'iktar minn 400) intlemħu kuljum. Kellna wkoll rekords ta' 3 **gamimiet**, **kuluvert** u **ħuttafa**.

Wara l-15 Lulju l-varjetà żiedet bil-mod il-mod. Bdew jidhru l-ewwel **daqquq tat-toppu**, **irsieset grizi** u **bisien tar-reġina**. **Iż-żanzarell tat-tikki** bejjet fil-Buskett, fejn kien hemm ukoll xi erba' **pitirrossi** u xi għasafar ta' l-għana. I**l-gamiema tal-kullar** dehret 5 darbiet fl-inħawi ta' l-Għadira.

### awwissu



gallina
tal-baħar

F'Awwissu bdew jidhru iktar għasafar. Fost l-għasafar tal-plajja jispikkaw qtajjiet sbieħ ta' **gallin tal-baħar**. Fil-kampanja żdied id-**daqquq tat-toppu**, il-**kaċċamendul** u xi bufuli bħall-**vjolin pastard** filwaqt li r-**rundun** baqa' jidher fi qtajjiet kbar. Fil-Buskett bejjet par **sponsun**. Mal-kosta deher iċ-**ċirlew iswed** u kultant anke xi **kanġi ta' Filfla** u **gawwi geddumu rqiq**.

Sa nofs ix-xahar, it-tajr tal-priża kien għadu skars ferm u dehru biss xi **bisien tar-reġina**, **astun iswed** u ftit **bgħadan ħomor**. Imma wara Santa Marija t-tajr tal-priża beda jirranka għax żdied il-bagħdan aħmar u tfaċċa wkoll l-ewwel **kuċċard** u **arpi** fuq il-Buskett. Sbieħ ferm kienu l-qtajja' **qerd in-naħal**, bl-akbar qatgħa tgħodd iktar minn 120 għasfur. L-akbar sorpriża tax-xahar kienet il-bejta tal-**gamiema tal-kullar**.

# X'għandha mid-dinja?

tirrapporta **Elisabeth Conrad**



## Happy Birthday, Surtsey!



Fil-baħar fin-nofsinhar ta' l-Islanda hemm gżira żgħira daqs Kemmuna jisimha **Surtsey**. Li għandha speċjali din il-gżira hu li ħafna nies li jgħixu dawk in-naħat jiftakruha titwieled! Eżattament fit-8 ta' Novembru *1963* bdew jaraw dħaħen ħerġin minn wiċċ l-ilma. Kien vulkan f'qiegħ il-baħar, vulkan li baqa' jiżbroffa u jtella' l-lava sakemm tfaċċat gżira ġdida f'wiċċ l-ilma! Għalhekk f'Novembru li ġej *S*urtsey tagħlaq *40* sena. Happy birthday *S*urtsey!

## X'għandhom l-istess l-Irlanda u l-Afrika t'Isfel?

Fl-Irlanda u fl-Afrika t'Isfel sar kontra l-liġi li jitqassmu basktijiet tal-plastik b'xejn max-xirja. Min irid basket issa ħa jkollu jixtrih. Għalhekk in-nies qed jerġgħu jduru għall-basktijiet taċ-ċarruta, u naqset ħafna l-ħela ta' plastik u r-rimi ta' boroż fil-miżbliet. *S*a ma daħlet din il-liġi, l-Irlanda kienet qed tuża biljun borża fis-sena, u l-Afrika t'Isfel 8 biljuni! Issa dawn in-numri naqsu ħafna. *D*il-liġi se tgħaddi wkoll fit-Taiwan u f'*S*ingapore.

*S*adattant, fil-Bangladesh sar illegali li tuża boroż tal-plastik, u fl-istat Indjan ta' Himachal Pradesh, jekk tinqabad tuża basket tal-plastik tista' teħel seba' snin ħabs!

U aħna l-Maltin Alla jbierek nużaw u narmu bl-addoċċ, imbagħad ingorru kemm kibret il-miżbla!

## Għaaaalihom!

L-Islanda ddeċidiet li tikser il-ftehim li kien sar fl-*1*989 biex ma jsirx sajd għall-balieni, u minn dis-sena se tibda taqbad **38 minke whales** fis-sena. L-iskuża hija tas-soltu: biex taparsi jistudjaw il-balieni. Qalu jridu jaraw kemm il-baliena tiekol ħut! Insomma l-istess ħmerijiet li jgħidu l-Ġappuniżi. Qisux xi ħadd se jemminhom! Pajjiżi oħrajn li jikkaċċjaw il-balieni huma l-**Ġappun** u n-**Norveġja**.



Il-harpun li jużaw il-kaċċaturi tal-balieni

## 70,000,000,000,000,000,000,000



*S*kond l-astronomi dan huwa t-total ta' kwiekeb li jidhru fis-sema mill-aqwa teleskopji li jeżistu. Emm... dak in-numru [illegible] (70 sextillion)

## Multa ta' $20,000!

Kaċċatur minn California (U*S*A) weħel **$20,000** talli qatel **kondor kalifornjan** (Californian condor *Gymnogyps californianus*). Il-kondor huwa wieħed mill-iktar għasafar rari li hemm l-Amerka: fis-selvaġġ baqa' biss 8*0*. Bis-saħħa tal-kaċċatur, issa baqa' *7*9!

# iz-zizka

Mark Anthony Falzon

Iz-zizka huma fost l-iktar għasafar familjari mal-berdwoċers Maltin. Huma għasafar pjuttost mansi u jħobbu joqogħdu fil-miftuħ. Kollha għandhom denb twil li jħobbu jċaqalquh 'l isfel u 'l fuq, u kollha jimxu (mhux jaqbżu) ma' l-art. Għandhom ukoll tisfiriet li jispikkaw sew, u għalhekk wieħed malajr jitgħallem jagħrafhom u jgawdihom. F'Malta naraw **tliet speċi** ta' zizka...






## zakak abjad

Iz-**zakak abjad** (pied wagtail Motacilla alba) huwa l-iktar wieħed li naraw spiss. Dan għaliex eluf ta' zizka bojod kull sena jqattgħu x-xitwa magħna. Jaslu l-iktar f'Ottubru u Novembru, u jitilqu fil-bidu ta' Marzu. Dan l-għasfur huwa griż minn fuq u abjad minn taħt; fi Frar u Marzu jisbieħ u spiss jidher b'ħannieqa sewda tuta u maskla bajda u sewda. L-għajta tiegħu tixbah zi-zikk! u tinstema' spiss speċjalment meta jkun qed itir.

Iz-zakak abjad iħobb postijiet miftuħin bħal għelieqi u xagħri fejn joqgħod jimxi u jfittex l-ikel. Il-btieħi ta' l-iskejjel ukoll huma post favorit tiegħu! Kull filgħaxija fix-xitwa, eluf ta' zizka minn ħafna nħawi ta' Malta jinġabru l-Belt Valletta biex jorqdu fis-siġar li hemm quddiem il-Qorti. Il-BirdLife kull sena torganizza roost count taz-zizka, fejn il-berdwoċers jitqassmu madwar il-Belt u jgħoddu z-zizka li jkunu deħlin għall-irqad. Ġieli għoddejna anke 5000!



Dan huwa mir-razza ta' rashom sewda. Dawn is-sofor hawn min isejħilhom **obrox**!

## isfar

L-**isfar** (yellow wagtail Motacilla flava) ma jqattax ix-xitwa magħna imma jpassi fir-rebbiegħa u l-ħarifa. Huwa komuni f'April u Settembru, meta kultant jidħru numri kbar jittajru minn fuqna.

Huwa għasfur verament sabiħ, isfar minn taħt u skur minn fuq. Jeżistu tipi differenti ta' sofor - biċċiet minnhom rashom sewda tuta, oħrajn rashom griża eċċ. L-għajta tiegħu tixbah tswijp! melodjuża ħafna.

L-isfar ukoll iħobb postijiet miftuħin u spiss insibuh inaqqar l-insetti madwar xi razzett fejn jinżamm id-demel. Filgħaxija s-sofor iħobbu jinġabru fil-qasab f'xi wied biex jorqdu.

Fl-imgħoddi t-tfal kienu jonsbu għas-sofor u kienu jaqbdu eluf kbar. Ħafna minnhom kienu jmutu imma dawk il-ftit li jgħixu kienu jaqtgħulhom ir-rix tal-ġwienaħ u jżommuhom f'xi ħanut biex jaqbdu d-dubbien - dawn kienu jissejħu pappamoski jew kaċċamoski.




## zakak tad-dell

Iz-**zakak tad-dell** (grey wagtail Motacilla cinerea) mhux daqshekk komuni imma numri żgħar kull sena jgħaddu x-xitwa Malta. Huwa griż minn fuq u safrani minn taħt u għandu denbu twil immens. L-għajta tiegħu tixbah zik-zik. L-iktar postijiet li jħobb huma l-għadajjar f'xi wied jew maġenb il-baħar, fejn jgħaddi ħafna ħin jiġri u jaqbad l-insetti.





**ċiefa**
bradley cascun (13)



**ta' san martin**
glenn ellul (12)



**ġemel**
antoine borg micallef (11)



**denfil geddumu qasir** deborah mallia (11)



**kelb il-baħar**
mark debattista (9)



**bram**
stephen attard (8)



**paletta** u **tal-bejt**
kurt schembri (10)



**fjamingu**
angele galea (11)



**kokka**
roxanne camilleri (12)



**ajkla**
enrico aquilina (10)



**gamiema**
christian attard (12)

# ċlikk!



**Liza Mallia** minn H'Attard baghtitilna dar-ritratt ta' pellikan li ħadek f'St.James Park f'London. Barra pellikani, fir-ritratt jidhru wkoll żewġ wiżżiet griżi, wiżża kanadiża, gawwi rasu kannella, kuluvert, tiġieġa tal-baħar u xi ħamiem! Prosit Liza.

Inħeġġu lill-membri biex jagħmlu bħal Liza u jaqbdu l-passatemp sabiħ tal-fotografija tan-natura - passatemp interessanti, allavolja mhux dejjem faċli!

Jekk għandkom ritratti ta' annimali jew pjanti (MHUX pets jew xtieli tal-ġnien) ibagħtuhomlna ħalli nġibuhom fil-Huttafa.



**astun aħmar**
michelle drago (14)



**belemnite**
theodora galea (14)

## Ibagħtulna t-tpinġijiet tagħkom!

Tpinġux bil-kulur, u jekk tistgħu użaw linka sewda. Tinsewx isimkom, l-età tagħkom u l-isem tat-tpinġija.

**Jekk għandkom skener u imejl, tistgħu tiskenjaw it-tpinġijiet u r-ritratti tagħkom u tibagħtuhomlna imejl (jpeg). B'hekk tiffrankaw il-bolla tal-posta, u l-materjal oriġinali jibqa' għandkom.**

sensiela ġdida

# Kompetizzjoni 58

Norman Chetcuti (il-Buċaqq)





## Sibu Seba' Differenzi

Hawnhekk qed taraw żewġ ritratti ta' buċaqq tas-silla - insomma proprjament ta' fuq biss huwa buċaqq tas-silla, għax l-ieħor ma nafux xi ġralu eżattament! :)

Li tridu tagħmlu hu li **ssibu 7 differenzi bejn iż-żewġ stampi** u tibagħtu tgħidulna liema huma.

Tqasqsux il-magażin - iktbu d-differenzi fuq karta jew ħudu fotokopja. Tistgħu tibagħtu t-tweġibiet bl-imejl (dettalji p2)

Min jirbaħ nibagħtulu **sett kartolini tan-natura**. Żmien għandkom sa **31 Ottubru 2003**.

---

Il-Kompetizzjoni 57 ntrebħet minn **Nevice Cascun** minn Ħ'Attard. Prosit Nevice, il-kartolini dalwaqt ikun għandek.

## Għasafar speċjali

Il-kaċċa għall-għasafar minbarra li hija kattiverija fil-vojt tista' tkun ukoll ta' ħsara kbira lill-ambjent speċjalment jekk l-għasfur li jinqatel ikun rari. Għalhekk xi għasafar ikollhom bżonn ħarsien speċjali.

F'Awwissu l-gvern (bl-għajnuna tal-BirdLife) ħareġ lista ta' **17**-il għasfur. Mil-lum 'il quddiem min joqtol wieħed minn dawn jeħel kastig iktar aħrax. Il-lista tinkludi **kuċċard**, **ajkli**, **isqra**, **bgħadan** u **rsieset**.



L-agrett abjad huwa wieħed mit-tajr bi protezzjoni speċjali

Fl-antik in-nies ma kinux jafu dwar in-natura daqs kemm nafu llum. Fejn ma kinux jafu, spiss kienu jivvintaw! F'din is-sensiela ġdida ħa niltaqgħu ma' ftit kreaturi li jgħixu fil-leġġendi u l-mitoloġija tal-Griegi tal-Qedem...

# kreaturi mill-ħrejjef Griegi

kitba u tpinġija **Sean Caruana Webster**



## ekidna

Ekidna kienet kreatura nofsha mara b'għajnejha suwed ileqqu, u nofsha serp. Hawn ħafna verżjonijiet ta' min kienu ommha u missierha - min jgħid kienu Tartarus u Ge, min jgħid Keto u Forċis, u min jgħid Stix u Peiras.

Ekidna kienet tgħix f'għar imbiegħed fl-art ta' l-Arimoi, fiċ-ċentru ta' l-Asja. Kienet mostru wikkiela tal-bnedmin li kienu jgħaddu minn ħdejn l-għar tagħha. Permezz tal-mostru Tifon, hija saret omm il-mostri Kimera, Ħidra, Kerberus, Ortos, Sfinks (jew Sfinġi), Xilla u l-iLjun ta' Nemea.

Ekidna ma kinitx immortali, imma ma kinitx tixjieħ maż-żmien. Darba waħda kien hemm eroj jismu Argus (li kellu mitt għajnejn!), li qatilha waqt li kienet rieqda. B'hekk qatt ma kielet iktar lil ħadd!

aktar ambjent

FALKO



# Ħbieb Falkuni!

Settembru reġa' magħna. Il-passa tat-tajr tal-priża bdiet. Itilgħu sal-Buskett ħa tosservaw dil-meravilja. Ħarsu 'l fuq fis-sema, għax hemm ikunu l-għasafar. Grupp berdwoċers tal-BirdLife dejjem ikun hemm ħdejn il-pigfarm, mit-3pm sa ma jidlam. Morru wara nofsinhar, għax filgħodu l-għasafar ikun għadhom ġejjin mill-Italja. Tieħdu gost żgur. Jekk għandkom tromba ħuduha magħkom. Narawkom.

Justin

**Justin Vassallo**
Ko-ordinatur FALKO

## SITTSAQAJN

*Matthew Borg Cardona*

# il-Mazzarell Sultan



**Il-mazzarell sultan huwa l-ikbar mazzarell li għandna Malta**

Il-mazzarelli huma insetti mill-familja Odonata. Ġieli jissejħu ħelikopters għax kapaċi jżommu weqfin fl-arja - dan jagħmluh biex jgħassu t-territorju minn mazzarelli oħrajn jew biex ifittxu l-ikel.

Mhux diffiċli biex tagħraf il-**mazzarell sultan** (emperor dragonfly *Anax imperator*). Ir-raġel huwa kbir u blu b'naqra iswed, waqt li l-mara għandha l-aħdar. Il-mazzarelli jitgħammru billi r-raġel iżomm lill-mara minn għonqha permezz ta' swaba' f'denbu. Il-mara tbid fl-ilma, u kważi jkollha togħdos kompletament!

Il-larva tal-mazzarell huma predaturi u jieklu insetti, mrieżep u annimali oħrajn ta' l-ilma. Għandhom bħal xedaq apposta li joħroġ sparat biex jaħtaf il-priża. Meta l-larva jkun kiber biżżejjed joħroġ mill-ilma u jitla' ma' xi werqa. Wara xi ħin l-adult joħroġ minn ġol-qoxra u jagħmel ftit sigħat ma jiċċaqlaqx sakemm jinxef.

Il mazzarell adult huwa predatur ukoll, u jiekol insetti oħrajn bħal nemus, dubbien, friefet u anke mazzarelli oħrajn! Għandu vista tajba ħafna, jaqbad l-ikel b'saqajh u jieklu waqt li jkun qed itir.

## Coxon Award



**Graziella Grech** rebħet il-Coxon Award for Conservation għas-sena 2002. Dan huwa premju li jingħata kull sena lil xi membru tal-Falko li jkun spikka fil-ħidma għall-ħarsien ta' l-ambjent. Graziella hija waħda mil-Leaders tal-Falko li dejjem ħadet sehem attiv fix-xogħol u fl-attivitajiet taż-żgħażagħ tal-Falko. Prosit Graziella, u grazzi dejjem! Il-Coxon Award jinkludi ċertifikat u vawċer għal Lm30 kotba. Tgħid min se jirbaħ il-Coxon Award 2003?

# Pink u l-Prinċep!



**Il-Prinċep William ta' l-Ingilterra stieden lill-kantanta popolari P!NK biex tkantalu fil-party ta' għeluq sninu. Din hija l-ittra li kitbitlu lura Pink...**

August 22, 2003

Dear William,

I was happy to hear that I was your first choice to play at your 21st birthday bash - then disgusted to learn that you hunt and kill animals for fun and that you purposely rammed a spear through a tiny deer in Africa. Why? Was it some kind of "trying to prove you're a man" trip?

But hey, we all make mistakes in our lives and we can all change. Hopefully you'll have a change of heart and find more interesting things to do with your spare time than kill animals. Call me or PETA if you'd like any suggestions! Then maybe I'll come play at your next birthday ...

Sincerely,
**Pink**



il-Prinċep William

**Skond il-kalkoli, fl-1999 il-popolazzjoni umana tad-dinja qabżet is-6 biljun (6000,000,000) bit-twelid ta' tarbija f'Sarajevo! Għal xi nies din kienet raġuni biex niċċelebraw il-fatt li ninsabu aktar b'saħħitna u ngħixu aktar fit-tul. Oħrajn jibżgħu li d-dinja ma tiflaħx għal popolazzjoni kbira bħal din...**




# X'hawn tan-nies!

*Elizabeth Conrad*

L-inkwiet fuq iż-żieda fil-popolazzjoni tad-dinja beda bil-biża' li d-dinja m'għandhiex biżżejjed riżorsi biex tipprovdi għal popolazzjoni hekk kbira. Ħsibijiet bħal dawn mhumiex xi ħaġa ġdida. Lejn l-aħħar tas-seklu dsatax l-ekonomista Thomas Malthus kiteb li l-popolazzjoni qed tikber ħafna iktar malajr mill-provista ta' l-ikel, bir-riżultat li jkun hawn il-ġuħ. Fis-Sittinijiet u s-Sebgħinijiet żdied ukoll l-inkwiet fuq l-impatti li popolazzjoni kbira jista' jkollha fuq l-ambjent.

Wara kollox in-nies mhux ikel biss għandhom bżonn. Għandhom bżonn...

- **ilma** tajjeb għax-xorb u għall-ħasil - dan ifisser impatt fuq ix-xmajjar u l-għadajjar.
- **art** fejn jgħixu u jibnu djarhom - dan ifisser żvilupp ta' meded kbar ta' art.
- **enerġija** biex jisħnu jew jiffriskaw jew jixegħlu d-dawl fi djarhom - dan ifisser tniġġis.
- **materjal** bħal injam, metall u plastik biex jagħmlu l-għamara, l-għodda eċċ - dan ifisser minjieri, industriji, iktar użu ta' art... u mill-ġdid aktar tniġġis.

U fuq kollox kull wieħed u waħda minn dawn is-sitt biljun jipproduċu kwantità ta' skart li fl-aħħar mill-aħħar imur lura fl-ambjent.

Sar ħafna tbassir fuq kemm se tikber il-popolazzjoni tad-dinja u x'impatti se jkollha. Huwa veru li p-popolazzjoni kibret ħafna, għalkemm mhux b'rata mgħaġġla daqs kemm bassru uħud. Fil-fatt, f'xi pajjiżi r-rata tat-twelid ta' trabi tant naqset li l-popolazzjoni qed tixjieħ. Imma jibqa' l-fatt li 6 biljun mhuwiex xi numru żgħir!

S'issa r-riżorsi tad-dinja għadhom biżżejjed biex jipprovdu għal din il-popolazzjoni. Raġuni waħda hi l-avvanzi kbar li l-bniedem għamel fit-teknoloġija ta' l-ikel. Għalhekk naqas l-inkwiet li l-ikel mhux se jservi.

Jibqa' imma l-inkwiet fuq l-impatti tal-popolazzjoni fuq l-ambjent. Bla dubju l-bniedem sar jagħmel ħafna pressjoni fuq l-ambjent naturali, u din se tkompli taggrava aktar ma tikber il-popolazzjoni.

Imma hemm bżonn li ma narawx biss in-numri tal-popolazzjoni - irridu naraw ukoll it-tqassim ta' dawn ir-riżorsi. Għalkemm hawn biżżejjed ikel għal kulħadd, xorta waħda miljuni ta' nies imutu kull sena bil-ġuħ.

Għalkemm l-ikbar żidiet fil-popolazzjoni qed iseħħu fl-Afrika u fl-Asja, l-agħar impatti fuq l-ambjent jiġu mill-pajjiżi industrijalizzati: l-Amerka ta' Fuq u l-Ewropa. Dak li jissejjaħ **l-ecological footprint** ta' nies fl-Amerka huwa ferm akbar minn dak ta' nies f'pajjiżi Afrikani.

F'pajjiżi fqar l-ambjent jingħata ħafna inqas importanza mill-għixien ta' kuljum. Ħafna nies, per eżempju, jagħżlu li jkollhom ħafna tfal minħabba li ħafna minnhom imutu żgħar. Barra minn hekk, persentaġġ żgħir biss tan-nies għandhom aċċess għall-edukazzjoni.

Għalkemm importanti li jissolvew il-problemi li jinqalgħu iktar ma tikber il-popolazzjoni, hemm bżonn kbir li r-riżorsi tad-dinja jitqassmu b'mod iktar ugwali. **B'hekk jonqos il-faqar u l-bniedem ikun jista' jibda jagħti każ aktar tal-problemi ambjentali ta' madwaru.**





Agħtu kulur lil dal-farfett tax-xewk. Kuluri paġna *1*.

# farfett tax-xewk



## ħarġa għall-iMtaħleb

Issa li t-temp iffriska u għamlet skoss xita, il-kampanja tibda tkun sabiħa għax jibda jikber il-ħaxix u anke jiftħu xi fjuri. F'Novembru jibdew jaslu wkoll l-għasafar li jkunu ġew biex jgħaddu x-xitwa Malta, bħal sturnell, buċaqq tax-xitwa, alwett, psiepes, zizka bojod, kudirrossi suwed u pitirrossi bir-rimi! Għalhekk ħa mmorru mixja fil-beraħ ta' l-iMtaħleb. Ejjew ħudu pjaċir magħna. Hawn huma d-dettalji...

*D*ata: **Il-Ħadd 2 Novembru 2003**
Niltaqgħu: **ħdejn il-kappella ta' l-iMtaħleb**
Ħin: **8.45am** Nispiċċaw: **nofsinhar**
Mistiedna: **Ħuttaf kollha**

Jekk tkun xita qliel, il-ħarġa titħassar!



## taħdita Tajr tal-Baħar

*S*e ssir taħdita bis-slajds minn Joe *S*ultana, berdwoċer li dar ħafna pajjiżi. Is-suġġett se jkunu xi gżejjer żgħar li fuqhom ibejtu ħafna għasafar tal-baħar, bħal Fair Isle (fin-North *S*ea), *S*elvagem (fl-Atlantiku) u Filfla. Jekk tixtiequ titgħallmu dwar dawn il-postijiet tal-ġenn, titilfuhiex.

*D*ata: **Il-Ħadd 11 Novembru 2003**
Post: **Sal Despott** (il-Furjana)
Mistiedna: **Falko** u **membri kbar**
Ħin: **6pm**

Jekk ikun hemm membri barranin, jista' jkun li t-taħdita ssir bl-Ingliż.

## inkredibbli

jason aloisio

Wara li l-**emperor penguin** mara tbid, ir-raġel jieħu ħsieb isaħħan il-bajda sakemm tfaqqas. Minn x'ħin jitla' l-art sakemm jerġa' jinżel fil-baħar biex jiekol xi ħuta jgħaddu madwar *1*15-il jum. Tul daż-żmien kollu r-raġel ma jiekol xejn, u barra minn hekk irid ukoll jissaporti x-xitwa kiefra ta' Antartika!

isem **What's the Big Idea? The Environment**
miktub minn Nicola Barber
tpinġija ta' Nick Dewer
Hodder Children's Books 1997




## Hemm tama?

Foresti meqrudin, annimali estinti, arja kontaminata, baħar imniġġes, xita aċiduża, toqba fl-ożonju! It-televixin u l-gazzetti l-ħin kollu jibbumbardjawna b'rapporti li jġegħluk taħseb li qed niġġieldu battalja mitlufa biex insalvaw il-pjaneta tagħna.

Dan il-ktieb, imżewwaq b'kartuns tassew ħelwin, jurina x'inhi l-verità dwar il-problema ambjentali tal-lum. Tassew li kollox hu mitluf jew għad hemm tama? Meta tlestu taqraw dal-ktieb, tkunu kapaċi twieġbu din il-mistoqija, u mbagħad ikun jiddependi minnkom biex tiddeċiedu x'ser tagħmlu dwar il-futur tad-dinja!

Janet Gerardi

Dal-ktieb tista' ssibu fil-Librerija Publika tal-Furjana

## Kemm ħaffef il-ħawwief?

**Għażiż Editur,**

**Ir-rebbiegħa li għaddiet jien u missieri rajna l-ħawwief itir fuq l-ilma anke fi Frar. Normalment jiġu mill-Afrika madwar Marzu-April. Għaliex ġew kmieni daqshekk din is-sena?**

**Martin Austad**
**Mosta**

Għażiż Martin,

In-natura tiddependi ħafna mit-temp. Għalhekk meta t-temp jibda jħawwad, kif qed jagħmel f'dawn l-aħħar snin, anke l-għasafar jitħawdu. Spiss anke l-pjanti jitħawdu, u jibdew jiftħu l-fjuri barra minn żmienhom.

Ħafna jaħsbu li dan it-taħwid fit-temp ġabu l-bniedem stess bit-tniġġis ta' l-arja.

L-Editur

żur il-websajt tagħna...
**www.birdlifemalta.org**

## Għal kull membru li ddaħħal fil-Klabb inti tieħu

- **3 pitazzi**
- **stiker bil-kulur**



Ħajjar lil sħabek u lil ħutek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, agħtihom kopja ta' dil-formola biex jimlewha, imla isfel nett id-dettalji tiegħek stess, u ibgħat kollox lil BirdLife Malta, flimkien mal-Lm2 tal-membru l-ġdid.

**Dettalji tal-membru l-ġdid**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Data tat-twelid ______ Telefon ______

**Dettalji tiegħek stess**

Isem ______
Indirizz ______
______ postcode ______
Membership number ______ Telefon ______

Ibgħat kollox lil BirdLife Malta 57/28 Triq Rigord, Ta' Xbiex MSD 12
Tibgħatx flus bil-posta - ibgħat ċekk (pagabbli lil BirdLife Malta) jew 29 bolla tas-7ċ

**Tqattax il-magażin - ħu fotokopja!**

# Għal 4ċ fil-ġimgħa...





## tista' tgawdi sena sħiħa fi Klabb Ħuttaf



## l-ikbar u l-aqwa klabb tan-natura f'Malta!






## u 6 ħarġiet tal-magażin Il-Ħuttafa!

